## Il-Ħadd, 23 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal lil Pietru:
"Inti Pietru,
u fuq din il-blata
jiena nibni
l-Knisja tiegħi,
u s-setgħat tal-infern
ma jegħlbuhiex.
Jiena nagħtik
l-imfietaħ
tas-Saltna tas-Smewwiet,
u kulma torbot
fuq l-art
ikun marbut fis-smewwiet,
u kulma tħoll
fuq l-art
ikun maħlul
fis-smewwiet."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 16, versi 18-19***

180

"F'idejn Ġesù l-aktar ġebla żgħira
ssir prezzjuża, għax Hu jiġborha,
iħares lejha bit-tenerezza, jonġorha
bl-Ispirtu tiegħu u jqegħdha
fil-post it-tajjeb, li Hu minn
dejjem ħaseb fih u fejn tista' tkun
utli għall-binja kollha kemm hi.
Aħna lkoll ġebel żgħir imma
Hu jrid iseħibna fil-bini tal-Knisja ...
U l-ħafna ġebel differenti,
li minnhom hi magħmula,
jiffurmaw binja waħda bis-sinjal
tal-fraternità u tal-komunjoni
ma' Pietru, hu nnifsu ġebla żgħira,
imma għax Ġesù jeħodha f'idejh
issir il-qalba tal-komunjoni."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 27 Awwissu 2017

*X'fiduċja għandi fil-Persuna ta' Kristu?*

*Nemmen tassew li bija jista' jagħmel ħwejjeġ kbar?*

# Ġebel f'idejn sodi

Kemm taħsibha differenti, Mulej,
minn kif jaħsbuha l-bnedmin:
Inti tistmana bil-kbir,
ħaddieħor iħares lejna bħala theddida;
Inti tiġborna,
ħaddieħor jarmina;
Inti tqegħedna fil-qalba,
ħaddieħor jagħtina l-ġenb;
Inti tibqa' temmen fina,
ħaddieħor
mal-iċken nuqqas jerġa' jibdielu dwarna;
Inti tagħtina l-qawwa biex nibqgħu nimxu,
ħaddieħor jaqtgħalna qalbna!
Ħudna f'idejk.
Żommna f'idejk.
Agħmel minna dak li trid.

## It-Tnejn, 24 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal: "Ħażin għalikom intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom, is-Saltna tas-Smewwiet tagħlquha għall-bnedmin, u la intom ma tidħlu fiha u lanqas tħallu lil ħaddieħor li jkun irid jidħol! ... Intom taqsmu l-ibħra u dduru d-dinja biex iddawru bniedem għar-reliġjon tagħkom, u meta tiġbduh għal magħkom tagħmluh bniedem ħaqqu l-infern darbtejn aktar minnkom! ... Intom tgħidu: 'Jekk wieħed jaħlef bis-santwarju, il-ħalfa ma tgħoddx; imma jekk jaħlef bid-deheb tas-santwarju, ikollu jrodd.' X'inhu l-aqwa? Id-deheb, jew is-santwarju li jqaddes id-deheb?"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 23, versi 13-14. 15b-17***

# 181

"Il-Fariżej u l-kittieba jinsew il-fatt li s-salvazzjoni hija inizjattiva ta' Alla u għalhekk jehdew biss bil-liġi. Dawn jaħsbu li r-regoli bla għadd li għandhom huma s-salvazzjoni. B'hekk ma jirċevux il-qawwa tal-ġustizzja ta' Alla, li huwa Hu li jieħu l-inizjattiva biex isalvana ... Alla tar-rivelazzjoni hu Dak li beda jimxi magħna minn Abraham sa Ġesù Kristu; hu Alla li jimxi mal-poplu tiegħu. Meta nitilfu dir-relazzjoni mal-Mulej, naqgħu fil-mentalità magħluqa li tibda temmen li waħedha tista' tasal għas-salvazzjoni għax tħares il-liġi."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,*19 Ottubru 2017

# Rabta personali

*Jien xi ħadd*
*li nagħmilha*
*ma' Alla*
*mill-bogħod?*

*Kemm*
*jien miftuħ*
*għal dik ir-rabta*
*personali*
*li Hu jixtieq*
*li jkollu miegħi?*

Mulej, ir-rabta li Inti tfittex li jkollok magħna
hija xi ħaġa għażiża ħafna għalik:
Inti trid li tagħmilha magħna l-bnedmin
b'mod personali għall-aħħar,
u hekk trid twasslilna mħabbtek.
U ma trid li jkun hemm xejn
li jieħu post
din ir-rabta personali ta' bejnietna:
ebda liġi,
tajba kemm tkun tajba;
ebda oġġett,
jiswa kemm ikun jiswa;
ebda persuna,
hi min hi.
Agħmel li aħna nagħmluha miegħek
kif persuna tagħmilha ma' persuna oħra.

## It-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal: "Ħażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom tħallsu d-dieċmi fuq in-nagħniegħ u l-busbies u l-kemmun, u mbagħad tagħlqu għajnejkom għal dak li hu l-aqwa fil-Liġi, jiġifieri, il-ġustizzja u l-ħniena u s-sinċerità! Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra ... Intom tnaddfu t-tazza u l-platt minn barra, waqt li minn ġewwa jkunu mimlija bi frott is-serq u r-regħba! Fariżew agħma, it-tazza l-ewwel naddafha minn ġewwa, biex imbagħad tkun nadifa minn barra wkoll!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 23, versi 23. 25b-26***



"Il-korruzzjoni spiritwali hija agħar
mill-waqgħa ta' midneb,
għax dan hu għama komdu
u awtosuffiċjenti
fejn fl-aħħar
kollox donnu jidher leċitu:
il-qerq, il-kalunnja, l-egoiżmu
u tant xejriet sottili
ta' awtoreferenzjalità,
għax 'Satana stess
jitbiddel f'anġlu tad-dawl'.
Hekk temm jiemu Salamun,
waqt li l-midneb kbir David
għaraf jegħleb il-miżerja tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika, *Gaudete et Exsultate,*
nru 165, 19 marzu 2018

# Korruzzjoni spiritwali

*Dak*
*li huwa l-aqwa*
*għal Alla*
*huwa l-aqwa*
*għalija?*

*Hemm xi ħaġa*
*li jeħtieġ*
*li nħalliH*
*jaqlagħni*
*minnha?*

Jaqbadni l-bard, Mulej,
naħseb biss fuq il-possibiltà
li jien nista' nkun korrott spiritwalment;
li, fejn tidħol Int,
jien nista' nkun qed inħaddan xi għama
li fih inħossni komdu!
Dawwalni kontinwament
biex jekk ir-rabta tiegħi miegħek
m'iniex ngħixha kif tridni Int,
u qed nimla żaqqi b'dak li hu sekondarju,
jien inkun nista' ninduna llum qabel għada.
Neżżagħni, għalhekk, minn kull għama.
Titlaqnix minn taħt idejk,
ħalli dak li huwa l-aqwa quddiemek
- il-ġustizzja, il-ħniena, u s-sinċerità -
ikun dejjem l-aqwa għalija.

## L-Erbgħa, 26 ta' Awwissu 2020

Ġesù
waqt li kien qed jitkellem qal:
"Ħażin għalikom,
intom il-kittieba u l-Fariżej,
uċuħ b'oħra!
Qiskom oqbra mbajda:
minn barra jidhru sbieħ,
u minn ġewwa
mimlija għadam tal-mejtin
u kull xorta ta' ħmieġ!
Hekk intom;
minn barra
tidhru tassew ġusti
quddiem il-bnedmin,
waqt li minn ġewwa
kollkom ipokrisija
u ħażen!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 23, versi 27-28***



"Id-dutturi tal-Liġi kienu persuni magħluqa fihom infushom, u għalhekk lil Ġesù m'aċċettawhx; m'aċċettawx il-messaġġ tiegħu li jinfetħu. Kienu jidhru ġusti, nies tal-'knisja', imma Ġesù jgħidilhom kelma li mhix daqshekk sabiħa: 'Uċuħ b'oħra'. Hekk isejħilhom. U biex jgħinna nifhmu l-qagħda tagħhom, ir-ritratt li jagħtina hu dan: 'Qiskom oqbra mbajda'. Min jingħalaq ma jkunx jista' jirċievi dak il-kuraġġ li jaf jagħti l-Ispirtu s-Santu, u jibqa' magħluq."

PAPA FRANĠISKU, *Diskors,* Laqgħa mal-Komunitajiet ta' Ħajja Nisranija u mal-Lega Missjunarja tal-Istudenti tal-Italja, 30 April 2015

# Qabar imbajjad

*Ħajti,*
*kemm*
*hija mmexxija*
*minn*
*dak li hu veru?*

*Kif nidher*
*minn barra*
*jirrifletti*
*dak li jien*
*minn ġewwa?*

Għandek fid-demm, Mulej, għall-ipokrisija!
U dan,
għax min jgħix ħajja doppja
jkun qed iqarraq bih innifsu,
jgħix f'dinja għalih,
jingħalaq fl-iskemi tiegħu
u f'dak li jaħseb hu biss;
ikun qed jirrovina ħajtu.
U Inti ma trid lil ħadd minna l-bnedmin jasal
biex ħajtu jirrovinaha.
Eħlisna milli nkunu b'xi mod oqbra mbajda,
għax imbajda kemm ikunu mbajda
oqbra jibqgħu!
Agħmel li aħna nkunu veri miegħek,
magħna nfusna,
u mal-oħrajn.

## Il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Ishru għax ma tafuhx il-jum
li fih jiġi Sidkom. Kunu afu dan,
li kieku sid id-dar kellu jkun jaf
f'liema sahra tal-lejl se jiġi l-ħalliel,
kien jishar u ma jħallix min jinfidlu
l-ħitan ta' daru. Mela kunu lesti
intom ukoll, għax qatt ma tistgħu
tobsru s-siegħa li fiha jiġi
Bin il-bniedem.
Intom min tgħidu li hu l-qaddej
fidil u għaqli? Min hu dak li s-sid
iqiegħdu fuq niesu biex jagħtihom
jieklu fil-ħin? Hieni dak il-qaddej
li sidu jiġi u jsibu jaqdi dmiru.
Tassew, ngħidilkom,
li jafdalu ġidu kollu f'idejh."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 24, versi 42-47***



"Il-Mulej ifakkarna li l-ħajja hija
mixja lejn l-eternità; għaldaqstant
aħna msejħin biex nagħmlu l-frott
mit-talenti kollha li għandna,
bla qatt ninsew li 'hawnhekk
ma għandniex belt li tibqa'
għal dejjem, iżda qegħdin infittxu
dik li għad trid tiġi'. Minn
dil-perspettiva, kull mument isir
prezzjuż; għalhekk f'din id-dinja
għandna ngħixu u naġixxu
bin-nostalġija tas-sema: saqajna
mal-art, nimxu fuq l-art, naħdmu
fuq l-art, nagħmlu l-ġid fuq l-art,
u b'qalb imxennqa għas-sema."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus,* 11 Awwissu 2019

*Għalija,*
*il-ħidma*
*materjali*
*għandha valur*
*għal din id-dinja*
*biss?*

*Din*
*l-istess ħidma,*
*kif nista'*
*nsarrafha*
*fil-ħajja*
*ta' dejjem?*

# Bin-nostalġija tas-sema

Mulej,
ħa ngħixu ħajjitna fuq l-art b'impenn,
imma wkoll bin-nostalġija tas-sema.
Ħa naħdmu,
imma wkoll
ħa nagħmlu dan bin-nostalġija tas-sema.
Ħa nitħabtu kemm nifilħu,
imma wkoll
ħa nagħmlu dan bin-nostalġija tas-sema.
Ħa nkissru rasna kif intejbu l-affarijiet,
imma wkoll
ħa nagħmlu dan bin-nostalġija tas-sema.
Ħa naraw kif inġibu 'l quddiem
dak li Inti fdajtilna f'idejna,
imma wkoll
ħa nagħmlu dan bin-nostalġija tas-sema.

## Il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu
din il-parabbola:
"Is-Saltna tas-Smewwiet
ixebbhuha ma' għaxar xebbiet
li ħarġu bl-imsiebaħ tagħhom
biex jilqgħu l-għarus.
Ħamsa minnhom kienu boloh
u ħamsa għaqlin, għax il-boloh
ħadu l-imsiebaħ imma ma ħadux
żejt magħhom, waqt li l-għaqlin
ħadu mhux biss l-imsiebaħ
iżda wkoll iż-żejt fil-kwies.
L-għarus iddawwar ma ġie,
u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas
u raqdu. Imbagħad f'nofs ta' lejl
instama' min jgħajjat:
'Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!'"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 25, versi 1-6***

185

"L-Għarus hu l-Mulej, u ż-żmien ta' stennija għall-miġja tiegħu hu ż-żmien li jagħtina sa ma tasal l-aħħar miġja tiegħu; żmien ta' sahra, li fih inżommu mixgħula l-imsiebaħ tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba, fejn qalbna nżommuha miftuħa għat-tajjeb, għall-ġmiel u għall-verità; żmien li jeħtieġ ngħixuh kif irid Alla ... biex inkunu mħejjija għal-laqgħa sabiħa ma' Ġesù. Dan ifisser li nagħrfu naqraw is-sinjali tal-preżenza tiegħu, inżommu l-fidi mixgħula, bit-talb, bis-Sagramenti, nishru biex ma norqdux, biex lil Alla ma ninsewhx."

PAPA FRANĠISKU, *Udjenza Ġenerali*, 24 April 2013

# Bil-musbieħ jixgħel

*Xi jfisser għalija*
*li l-musbieħ*
*tiegħi*
*jkun mixgħul?*

*X'miżuri*
*qed nieħu*
*biex jibqa'*
*mixgħul?*

Inkun iblah, Mulej,
jekk jien nikkuntenta biss li jkolli l-musbieħ.
Inkun għaqli
jekk jien nara li l-musbieħ tiegħi
jibqa' jixgħel u ma jintefiex.
Inkun għaqli
jekk jien inħallik tipprovdili ż-żejt meħtieġ.
U żejt għandek x'tagħtini:
il-ħajja tiegħek,
l-imħabba tiegħek,
l-attenzjoni tiegħek għalija,
il-ħin tiegħek,
il-Kelma tiegħek,
id-dawl tiegħek,
il-fejqan tiegħek,
il-ferħ tiegħek.

## Is-Sibt, 29 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal din il-parabbola:
"Wieħed li kien se jsiefer
sejjaħ lill-qaddejja tiegħu
u ħallielhom ġidu f'idejhom.
Lil wieħed tah ħames talenti,
lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed,
kull wieħed skont il-ħila tiegħu.
U siefer.
Dak li kien ħa l-ħames talenti
mar minnufih iħaddimhom
u qala' ħamsa oħra.
Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn
qala' tnejn oħra.
Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer
fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna,
sid dawk il-qaddejja raġa' lura u
beda jagħmel il-kontijiet magħhom."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 25, versi 14-19***

# 186

"Il-Mulej ma jagħtix lil kulħadd
l-istess affarijiet u bl-istess mod:
Hu jafna personalment
u jafdalna dak li jgħodd għalina;
imma hemm xi ħaġa
li hija komuni għal kulħadd:
l-istess fiduċja kbira
li għandu Alla fina. Alla jafdana,
Alla għandu t-tama fina!
U m'hemm ħadd fostna
li għalih dan ma jgħoddx.
Ejjew ma niddiżappuntawhx!
Ejjew ma nħallux il-biża'
tqarraq bina; ejjew inwieġbu
għal din il-fiduċja bil-fiduċja!"

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 16 Novembru 2014

*Il-ġid*
*li Alla jagħtini*
*qed nużah*
*tajjeb?*

*Hemm xi ħaġa*
*li Hu tani*
*u li jien għadni*
*ma ħriġthiex*
*għad-dawl*
*minħabba*
*xi biża'?*

# Li twieġeb bil-fiduċja

Dak li nagħmlu minn ħajjitna, Mulej,
huwa t-tweġiba tagħna
għall-ġid
li b'fiduċja kbira
tħalli f'idejn kull wieħed u waħda minna.
Dan il-ġid għandu ħafna ismijiet:
il-ħajja, iż-żmien, it-talenti,
u elf ħaġ'oħra marbuta magħhom.
Grazzi ta' dan il-ġid;
għinna nkattruh u nġibuh 'il quddiem
bil-kreattività tagħna
li tieħu xejriet u għamliet diversi,
ħalli d-dinja ssir dejjem iżjed
dinja li tirrifletti s-sbuħija tiegħek,
l-imħabba tiegħek,
dak li Int.